MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tat-23 ta' Mejju, 2008

Appell Civili Numru. 28/2007

**Said International Limited**

**vs**

**L-Awtorita` ta’ Malta dwar il-Komunikazzjoni**

**Il-Qorti,**

Fid-9 ta’ Awissu, 2007 il-Bord ta’ l-Appelli dwar is-Servizzi Postali ppronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

> **“Il-Bord ta' l-Appelli (il-Bord) wara li sema' l-provi migjuba quddiemu mill-partijiet kif ukoll is-sottomissjonijiet finali taghhom ikkonsidra :**
>
> 1. Illi l-Awtorita' eccepiet li l-ittra taghha tad-3 ta' Frar 2004 m'hijiex decizjoni u ghalhekk l-appell interpost mis-socjeta` appellanti huwa null.

2. Illi l-Bord ezamina l-imsemmija ittra u rrisulta li l-Awtorita` permezz taghha: a) ikkonsidrat is-sottomissjonijiet tal-partijiet; b). ikkonstatat li s-socjeta appellanti offriet "postage stamps at discounted process stating in the process that this will save on one's postage costs, a fact which your firm is not contesting . In the process you also require minimum orders of LM100"; c) Ikkonsidrat din l-attivita` "as being in breach of the relevant Postal Services legislation .."; d) iddikjarat li l-offerta "is in breach of the aforesaid regulation " u finalment e) intimat lis-socjeta appellanti li fin-nuqqas li "it will desist forthwith from the sale of postage stamps currently in usage at discounted prices.... This Authority will have no option but to initiate the necessary legal action in accordance with both Postal Services Act and the Inland Post Regulations to ensure compliance with the law."

3. Illi mid-dicitura ta' l-imsemmija dokument il-Bord ma jista' jkollu ebda dubju li d-dokument mertu ta' dan l-appell gie redatt kemm fil-forma kemm fis-sostanza bhala decizjoni amministrattiva li tolqot l-operat tas-socjeta appellata u ghalhekk tikkwalifika bhala decizjoni soggetta ghall-appell quddiem dan il-Bord.

4. Illi "il-partijiet" li d-decizjoni ta' l-Awtorita' taghmel referenza ghalihom kienu s-socjeta Maltapost p.l.c. u s-socjeta appellanti. Kienet is-socjeta Maltapost li qajmet l-ilment quddiem l-Awtorita'. Mhux biss izda talbet li l-Awtorita' tiehu azzjoni billi tirrevoka l-licenzja tas-socjeta appellanti. Talba li certament taqa' fil-kamp tal-gustizzja amministrattiva.

5. Illi jirrizulta mill-provi illi s-socjeta Maltapost ghamlet l-ilment stante li ma baqghetx tezercita l-funzjoni ta' regolatur izda ghaddiet ghar-rwol ta' operatur fis-settur. Irrizulta wkoll li kienet espressament attirat l-attenzjoni ta' l-Awtorita' ghal dan il-fatt u talbet lill-Awtorita' biex taghmel hi l-

accertamenti necessarji fil-konfront tas-socjeta appellanti.

6. Illi irrizulta li l-Awtorita' wara li rceviet l-ilment tas-socjeta appellanti datat 24 ta' Dicembru 2004 , kitbet lis-socjeta appellanti fis-26 ta' Jannar 2004 fejn gabet a konjizzjoni taghha l-ilment de quo. Izda irrizulta li minkejja li s-socjeta Maltapost kienet deskritta fid-decizjoni bhala parti, l-Awtorita' kienet ghaddietilha t-twegiba tas-socjeta appellanti datata 27 ta' Jannar 2004 , minghajr ma' ghaddiet lis-socjeta appellanti, kopja tar-risposta tas-socjeta Maltapost datata 28 ta' Jannar 2004 . Fatt ikkoloborat mix-xhieda ta' l-ufficjal ta' l-Awtorita' l-Avukat Paul Micallef.

7. Illi f'dawl ta' dawn ir-rizultanzi l-Bord ma jistax hlief jasal ghall-konkluzjoni li l-Awtorita' naqset milli tosserva r-regoli l-aktar fondamentali tal-Gustizzja naturali ta' audi alteram partem kif ukoll dik li ma jkun hemm ebda element ta' Bias da parti ta' l-Awtorita'. Il-Bias irrizulta car mill-fatt li waqt li formalment kienet tikkunsidra s-socjeta Maltapost bhala parti, pero fil-fatt l-Awtorita' pprovdiet faccjata sabiex is-socjeta Maltapost tikkunduci hi l-indagni fil-konfront tas-socjeta appellanti.

8. Illi rrizultaw nuqqasijiet ohra da parti ta' l-Awtorita' partikolarment fejn jikkoncerna l-unika prova li l-Awtorita pproduciet in sostenn tat-tezi taghha . Din tikkonsisti fi kopja ta' formula li l-Maltapost kienet ghaddiet lill-Awtorita' mal-ilment taghha. Dan id-dokument hu kompost minn tlett kolonni. L-ewwel b'elenku ta' valuri minn 0,02 sa 2.00. It-tieni kolonna biex wiehed jindika l-kwantita' u t-tielet kolonna biex wiehed jindika it-total. Il-formula ezibita ma kinetx mimlija.

9. Illi irrizulta li l-Awtorita' fl-ittra taghha lis-socjeta appellanti tas-26 ta' Jannar, ghamlet referenza ghall-imsemmija formula bhala li 'prima facie shows that your firm is selling postage stamps at a

10% discount'. Is-socjeta appellanti rispondiet fis-sens li l-kummissjoni ma kinetx tirreferi ghall-bejgh ta' bolol "sold over the counter" izda "bulk and wholesale" u li dawn l-ahhar attivitajiet ma kinux koperti mir-regolamenti indikati mill-Awtorita'.

10. Illi l-Awtorita' kif gja nghad, wara li rceviet ir-risposta tas-socjeta appellanti u ghaddietha lis-socjeta Maltapost, mhux kopjata lis-socjeta appellata, iddecidiet tittrasforma l-kaz prima facie f'wiehed ippruvat u komplut minghajr biss ma stabiliet liema bolol kienu qed jinbieghu permezz ta' dik il-formola . Lanqas ma mmotivat id-decizjoni taghha billi tindika il-ghaliex it-tezi tas-socjeta appellanti ma kienetx valida.

11. Illi ghalhekk huwa ferm difficli biex il-Bord ighaddi biex jifforma gudizzju dwar il-hsieb wara d-decizjoni ta' l-Awtorita' li wassal l-istess Awtorita' biex tilqa' t-tezi tas-socjeta Maltapost u cioe' li l-unika prova prodotta kienet sufficjenti biex tipprova li s-socjeta appellanti kienet tbiegh bolol ta' pustagg b' valur inqas minn dak indikat, jew ghaliex l-Awtorita' ma laqghetx dik tas-socjeta appellanti li sostniet li ma wzatx l-imsemmija formula ghall-iskop ta 'retail'.

12. Illi l-Bord min-nuqqas ta' motivazzjoni tad-decizjoni ta' l-Awtorita' maghdud man-nuqqas ta' verifiki oggettivi tat-tip ta' attivita' tas-socjeta appellanti, jasal ghall-konkluzjoni li r-responsibilita tas-socjeta appellanti ma gietx ippruvata b' mod oggettiv jew skond ir-regoli tag-gustizzja naturali.

13. Ghaldaqstant il-Bord ghar-rgunijiet fuq imsemmija tiddecidi dan l-appell billi tichad l-eccezzjoni sollevata mill-Awtorita' li l-Appell huwa null u jilqa' t-talba tas-socjeta appellanti u ghalhekk jannulla u jirrevoka d-decizjoni ta' l-Awtorita' tat-3 ta' Frar 2004."

Bl-appell taghha kontestanti din is-sentenza l-Awtorita` intimata tinvita lil din il-Qorti biex tannulla l-istess sentenza bil-motiv li din tiddifetta fid-dritt. B'mod generali hi tippremetti li l-Bord naqas milli jinterpreta b'mod korrett l-Artikolu 5 tal-Kapitolu 254 u naqas ukoll li japplika b'mod korrett id-disposizzjoni tal-ligi pertinenti ghall-kaz;

Fl-izvolgiment ta' l-argomentazzjoni taghha b'dawk il-premessi l-Awtorita`, koncizament, tissottometti dan li jsegwi:-

(1) Hi ma hadet ebda decizjoni amministrattiva. F'dan il-kuntest tispjega li l-azzjoni taghha kienet marbuta ma' allegat ksur tad-disposizzjoni tal-ligi li s-sanzjoni taghha kienet ta' natura kriminali u mhux ta' natura amministrattiva. Dan in referenza ghar-Regolament 103 tar-Regolamenti dwar is-Servizzi Postali u l-Artikolu 62 (5) u 65 tal-Kapitolu 254;

(2) Jikkonsegwi minn dawn id-disposizzjonijiet illi l-Bord ma ghandu ebda gurisdizzjoni li jissindika l-operat taghha rigwardanti allegat ksur ta' xi disposizzjoni ta' natura kriminali, anke ghaliex id-decizjoni finali tispetta lill-Qorti ta' gurisdizzjoni penali u mhux lill-Awtorita`;

(3) Il-Bord uzurpa l-funzjoni li bil-ligi tispetta lill-Qorti kompetenti kriminali u, ukoll, immina serjament l-operat taghha billi spicca biex cahhadha mid-dritt li titlob li jinbdew proceduri kriminali quddiem il-Qorti kompetenti;

(4) Hi llimitat ruhha biex titlob li l-Qorti timponi mizuri izda da parti taghha ma imponiet ebda sanzjoni u lanqas hadet azzjoni regolatorja;

(5) L-ittra taghha tat-3 ta' Frar, 2004 lis-socjeta` appellata ma kienetx tikkwalifika bhala decizjoni finali a norma ta' l-Artikolu 5 tal-Kapitolu 254;

Is-socjeta` appellata wiegbet ghal dawn l-ilmenti bil-konsiderazzjonijiet hawn taht elenkati:-

(1) In linea preliminari, l-appell sottopost mill-Awtorita` ghandu jitqies ritwalment inammissibbli in kwantu ma jippostula ebda punt ta' dritt. Hi tissottometti illi fir-rigward ta' l-interpretazzjoni u applikazzjoni mill-Bord tal-ligi ghall-fatti m'hemmx dritt ta' revizjoni minn organu gudizzjarju iehor. Fi kliem iehor, li din il-Qorti ma ghandhiex gurisdizzjoni li tissindika jew tiddisturba decizjoni tal-Bord ta' l-Appelli dwar dik l-interpetazzjoni u applikazzjoni ta' l-Artikolu 5 in kwantu din hi materja purament ta' fatt li ma jaghtix lok ghall-appell skond l-Artikolu 6 tal-Kapitolu 254;

(2) L-ittra tat-3 ta' Frar, 2004 kienet tinkorpora kjarament decizjoni finali rientranti fid-dispost ta' l-Artikolu 5 tal-Kapitolu 254. F' kull kaz il-fatt li l-Bord irrefera ghal "decizjoni amministrattiva" u mhux ukoll ghal kliem precizi ta' l-Artikolu 5 ma huwiex lanqas xi punt sindakabbli minn din il-Qorti li ghandu jwassal ghan-nullita` tad-decizjoni. F' dan il-kuntest is-socjeta` appellata tirrikorri ghad-definizzjoni tal-kelma "decizjoni" fl-Artikolu 2 ta' l-Att ghat-Twaqqif ta' Awtorita` ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni (Kapitolu 418);

(3) Il-fatti li l-Awtorita` ma hadetx mizuri regolatorji ma jfisserx li ma hadetx decizjoni finali. *Del resto*, l-Artikolu 5 stess jindika li tista' tittiehed decizjoni finali anke minghajr l-imposizzjoni ta' sanzjoniijiet amministrattivi. Jigi osservat, imbaghad, illi l-Kapitolu 254 ma jeskludix li l-Awtorita` tista' anke fil-kaz ta' allegat ksur tar-Regolament 103, tiehu mizuri regolatorji. Ara Artikolu 63 ta' l-istess Kapitolu;

(4) Huwa irragjonevoli dak pretiz mill-Awtorita` appellanti illi d-decizjoni minnha mehuda fil-kwalita taghha ta' entita` regolatorja ma tkunx assoggettata ghall-impunjattiva quddiem il-Bord ta' l-Appelli;

Premessi l-ilmenti ta' l-Awtorita` appellanti u t-twegiba ghalihom mis-socjeta` appellata huwa fl-ordni logiku-guridiku illi l-ewwel punt li din il-Qorti jokkorrilha tinvesti

jirrigwarda l-pregudizzjali sollevata ta’ l-inammissibilita` ta’ l-appell;

B’ligi, ex-Artikolu 6 tal-Kapitolu 254, ma hemmx appell minn decizjoni tal-Bord ta’ l-Appelli hlief fuq punt ta’ dritt. Jigi mill-ewwel rilevat hawnhekk li biex ikun hemm lok ta’ appell mid-decizjoni tal-Bord imsemmi ma hemmx bzonn li l-punt ta’ dritt ikun gie espressament definit bis-sentenza, ghaliex, a differenza ta’ certi ligijiet ohra [ara ad ezempju l-Att dwar l-Ippjanar ta’ l-Izvilupp, Artikolu 15 (2) tieghu] il-ligi dwar is-Servizzi Postali dan ma tghidux. F’kaz bhal dan “huwa bizzejjed li l-punt ta’ ligi li fuqu jsir l-appell jirrizulta involut jew implicitu fid-decizjoni, in kwantu d-decizjoni tkun ittiehdet bis-sahha tal-principju interpretattiv tal-ligi li r-rikorrenti jikkontesta” (“**Grazio Muscat -vs- Wilfred Podesta nomine**”, Appell Civili, 7 ta’ Mejju, 1956);

Fil-kaz prezenti, mill-mod kif inhu impustat l-appell din il-Qorti tirravviza aggravji kontestanti l-interpretazzjoni li, fil-fehma ta’ l-Awtorita` appellanti, giet akkordata mill-Bord ta’ l-Appelli lid-disposizzjoni tal-ligi fl-Artikolu 5 tal-Kapitolu 254. Hi targomenta illi l-Bord enuncja skorrettament il-principju tal-ligi u, imbaghad, iddecieda l-kwestjoni ta’ fatt in bazi ghal dik l-enuncjazzjoni zbaljata. Indubbjament, fil-hsieb ponderat ta’ din il-Qorti, rigwardat taht dan il-profil, l-Awtorita` appellanti kellha kull jedd li tikkontesta dik l-interpretazzjoni tal-principju u li titlob li din tigi minn din il-Qorti riveduta. *Pro tanto*, allura, l-appell devolut ma jistax jitqies irritwali in kwantu dan kien jikkontjeni dak il-punt ta’ dritt li jippreciza l-Artikolu 6 tal-Kapitolu 254 u, allura, hu mistenni li dan jigi issa skrutinat u deciz minn din il-Qorti;

In sintesi, il-punt krucjali involut fil-kwestjoni mqanqla hi dik jekk is-socjeta` appellata setghetx tressaq gravam quddiem il-Bord ta’ l-Appelli in bazi ghal kontenut ta’ l-ittra tat-3 ta’ Frar, 2004 lilha mibghuta mill-Awtorita`. Skond din l-istess Awtorita` dik il-missiva la kienet tammonta ghal “decizjoni amministrattiva” u wisq anqas ghal “decizjoni

finali" fl-ambitu ta' l-Artikolu 5 tal-Kapitolu 254 ghal liema hu akkordat appell lill-Bord;

Ghall-argomenti zvolti fir-rikors ta' l-appell, hawn aktar 'il fuq esposti, jirrispondu l-konsiderazzjonijiet li gejjin:-

(1) Ghal dak li jiswa mid-dicitura ta' l-ittra precitata jinghad illi "*the Authority considers such activities by your firm as being in breach of the relevant Postal Services Regulation, including regulation 103 of the Inland Post Regulations and of Part XI of the Postal Services Act …*" Fil-hsieb tal-Qorti, b' dawn il-kliem, l-Awtorita` kienet qeghda tiddetermina illi l-operat tas-socjeta` appellata kien illecitu u bi ksur tar-regolamenti okkorrenti tant li dak l-istess operat u agir taghha kien, ghall-istess Awtorita`, passibbli ta' proceduri penali;

(2) Minn dan, dejjem fl-intendiment ta' l-Awtorita` appellanti, meta hi hekk iddeterminat li kienet tezisti lezjoni ta' dispost tal-ligi li jgorr mieghu sanzjoni kriminali, hi ma kienetx qed tiehu ebda "decizjoni finali" ghax din, se mai, kienet tispetta lill-Qorti ta' kompetenza penali. Izzid taggungi illi dik id-determinazzjoni minnha kien semplici ezercizzju tad-dritt taghha li tadixxi lill-Qorti kompetenti ghar-rimedju opportun. Bir-rispett kollu, wara li rriflettiet hafna u bir-reqqa, din il-Qorti ma thossx li tista' taqbel ma' dan ir-ragonament. Fil-hsieb taghha, meta l-Awtorita` accertat ruhha u ddeterminat ukoll illi l-attivitajiet tas-socjeta` appellata kienu in vjolazzjoni tal-ligi hi kienet, fis-sostanza, u attiz d-debita verifika minnha u accertazzjoni ta' l-ilment lilha sottopost mill-Maltapost, qed taghmel gudizzju fuq l-agir tas-socjeta` appellata. Proprju, dak l-istess gudizzju induciha biex eventwalment, fuq il-kwerela taghha, tikkonstringi lill-awtorita` tal-Pulizija tiehu proceduri penali kontra s-socjeta` appellata. F' din il-prospettiva la d-decizjoni haditha, din ma tistax hlief tikkwalifika ruhha bhala wahda "finali" fit-termini ta' l-Artikolu 5 tal-Kapitolu 254;

(3) Fil-verita, kif taraha din il-Qorti, huwa immaterjali jekk dik id-decizjoni ta' l-Awtorita` kkomportatx

mizuri jew sanzjonijiet immedjati mill-Awtorita` nnifisha bhala enti regolatorja in kwantu l-gravam tas-socjeta` appellata lill-Bord ma kienx jikkontempla impunjattiva ta' xi mizuri jew sanzjonijiet imma biss lanjanza di fronte ghad-decizjoni ta' l-Awtorita` riflettenti fuq il-kondotta operattiva taghha in kontravvenzjoni tar-regolamenti;

(4) Huwa, bir-rispett kollu, inaccettabbli illi d-decizjoni finali kellha taghmilha biss Qorti ta' kompetenza kriminali, ghax, apparti li l-gudizzju l-wiehed huwa indipendenti mill-iehor, skond l-argoment estratt mill-principju sancit fl-Artikolu 6 tal-Kodici Kriminali, ikun ifisser li s-socjeta` appellata ma kienx ikollha dritt li tindirizza l-isforzi taghha ghall-otteniment tac-certifikat opportun illi dik l-imgieba taghha ma kienetx kif kwalifikata mill-Awtorita`. Il-proposizzjoni ta' l-Awtorita`, ghal din il-Qorti, mhix gustifikata in kwantu s-socjeta` appellata kellha kull dritt tfittex ir-rimedju lilha moghti mil-ligi ghal dak il-fini. Dan anke indipendentement mis-sottoposizzjoni taghha ghal proceduri penali jew mis-sentenza tal-Qorti ta' kompetenza kriminali;

(5) Sewwa nghad imbaghad mis-socjeta` appellata fil-korp tar-risposta taghha illi "l-fatt li l-Awtorita` ghazlet li tezegwixxi d-decizjoni taghha bil-mod li xtaqet u cjoe billi taghmel kwerela lill-Pulizija ma jincidix bl-ebda mod fuq il-kwestjoni jekk l-Awtorita` haditx decizjoni finali dwar l-agir tas-socjeta` appellata kif kontenuta fl-ittra tat-3 ta' Frar, 2004"; Huwa wkoll ghal din ir-raguni illi l-Qorti ma tarax gustifikata s-sottomissjonijiet ta' l-Awtorita` appellanti;

(6) Fil-kumpless ta' dawn il-konsiderazzjonijiet kollha mhux il-kaz li l-Qorti titbieghed mill-espressjoni ta' fehma tal-Bord fuq il-punt in kwantu jidhrilha li din hi guridikament korretta.

Ghal dawn il-motivi kollha din il-Qorti qed tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata, bl-ispejjez ta' din il-procedura kontra l-Awtorita` appellanti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------